# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn 13 ta’ Awissu, 2001**

**Appell Nru 116/2001 VDG**

**Fl-Atti ta’ l-Estradizzjoni fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Emmanuel Camilleri)**
**(Spettur Sandro Zarb)**

**v.**

**Mohammed Abdel Monem Abbas Aly**

Il-Qorti,

Rat il-Mandat ta’ Arrest Provvisorju, mahrug mill-Magistrat Dott. Giovanni Grixti in forza ta’ l-Artikolu 14(1)(b) tal-Kap. 276, fis-6 ta’ April 2001 fil-konfront ta’ **Mohammed Abdel Monem Abbas Aly** (hawn aktar ‘l quddiem imsejjah “l-appellant”) (fol. 3 u 4);

Rat ir-rapport (datat 10 ta’ April 2001) ta’ l-Ufficjali tal-Pulizija Emmanuel Camilleri u Sandro Zarb li permezz tieghu ppresentaw taht arrest lill-appellant quddiem il-Qorti Rimandanti (fol. 1);

Rat l-Awtorita` ghal Proceddiment, mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja skond l-Artikolu 13 tal-imsemmi Kap. 276, datata 19 ta’ April 2001, li permezz taghha huwa ordna li jsir dwar l-appellant kif hemm provvdut fid-disposizzjonijiet tal-Kap. 276 u dan fir-rigward tat-talba tal-Gvern tar-Repubblika tat-Turkija ghat-treggigh lura f’dak il-pajjiz ta’ l-appellant li jinsab akkuzat (f’dak il-pajjiz) talli fid-9 ta’ April 1998 ikkommetta omicidju volontarju f’Istanbul ta’ **Edgar John Vincent Fernandes**, cittadin Ingliz imwieled fid-9 ta’ Awissu, 1960, bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 448 tal-Kodici Penali Tork (fol. 121);

Rat id-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti tas-6 ta' Gunju 2001, li baghtet lill-appellant taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn it-Turkija fuq l-akkuza tar-reat indikat fl-Awtorita` ghal Procediment imsemmija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-appellant (Mohammed Abdel Monem Abbas Aly), minnu ppresentat fil-11 ta' Gunju 2001, li permezz tieghu talab li din il-Qorti "joghgobha tirrevoka d-decizzjoni preliminari dwar li l-Konvenzjoni Ewropea hija debitament parti mill-ligi ta' Malta u ghalhekk tikkostitwixxi ligi li taghti l-awtorita` lill-Ministru li jagixxi fuq il-bazi taghha, u fi kwalunkwe kaz tirrevoka d-decizzjoni fuq il-mertu, billi minflok tichad it-talba ghall-estradizzjoni tal-appellant, u ghalhekk jerga' jitqieghed fil-liberta`";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet u d-dokumenti moghtija u ezibiti fil-mori ta' dana l-appell; semghet lill-Avukati Dott. Joseph Brincat u Dott. Stefano Filletti ghall-appellant u lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-Avukat Generali fl-udjenzi tas-26 ta' Gunju, 27 ta' Gunju, 16 ta' Lulju, 17 ta' Lulju u 20 ta' Lulju 2001; ikkunsidrat:

L-appellant Mohammed Abdel Monem Abbas Aly qieghed jappella kemm mid-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti tas-6 ta' Gunju 2001, cioe` d-decizzjoni li huwa jintbaght taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn it-Turkija (l-ordni ghat-treggigh lura ma jinharigx mill-Qorti Rimandanti izda mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja – Art. 21 tal-Kap. 276), kif ukoll mid-digriet preliminari tal-Qorti Rimandanti tas-26 ta' April 2001 (fol. 49) (Artikolu 415, Kap. 9). Dan hu l-<u>uniku</u> digriet (jew decizzjoni) preliminari li hemm fil-process, u ghalhekk l-ewwel talba fir-rikors ta' appell necessarjament qed tirreferi ghal dan id-digriet. Id-diversi aggravji ta' l-appellant ser jigu trattati *seriatim*, izda l-ewwel tlett aggravji (taht l-intestaturi "Ir-Ratifika tat-Trattati [Kap 304 – Ligijiet ta' Malta]", "Lex posterior" u "Kwestjoni ta' arrest illegali") jistghu konvenjentement jigu trattati flimkien peress li dawna huma intimament marbuta ma' xulxin kif ser jigi spjegat.

1. Permezz ta' l-**ewwel tlett aggravji** l-appellant qieghed, bazikament, jikkontendi li l-qrati domestici – din il-Qorti u l-Qorti Rimandanti – ma jistghux jiehdu konjizzjoni tal-*European Convention on Extradition* (ETS 24) peress li dana t-trattat ma giex inkorporat fil-ligi Maltija kif mehtieg skond l-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap. 304) u senjatament skond l-Artikolu 3(3) tal-imsemmi Att; konsegwentement, skond l-appellant, il-konvalidazzjoni tal-arrest provvisorju mill-Qorti Rimandanti in forza ta' l-Awtorita` ghal Procediment ma kienitx skond il-ligi u li ghalhekk hu kien qed jinzamm, u ghadu qed jinzamm, arrestat illegalment. Jikkontendi wkoll l-appellant li din il-Konvenzjoni ma gietx iffirmata u ratifikata "skond il-metodu tal-pajjiz" (presumibbilment referenza ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 304).

2. L-ewwel nett ghandhom jigu ccarati certi ideat. Il-Kap. 304 jipprovdi li certi trattati m'ghandhomx jibdew isehhu dwar Malta[1] – jigifieri Malta ma titqiesx marbuta fuq livell internazzjonali bihom – kemm-il darba it-trattat li jkun "ma jkunx gie ratifikat jew ir-ratifika tieghu ma tkunx giet awtorizzata jew approvata" skond kif jipprovdi l-istess Kap. 304 (Art. 3(1)). Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 3, imbghad, jispjega kif trattat li ghalih jirreferi s-subartikolu (1) "ghandu jigi ratifikat jew ikollu r-ratifika tieghu awtorizzata jew approvata". Dan kollu, pero`, japplika biss ghal certi trattati, u cioe` ghat-trattati li ghalihom hemm referenza fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 3. In fatti l-Artikolu 5 jghid car u tond: "Ebda haga f'dan l-Att ma ghandha tiftiehem li b'xi mod tolqot is-setghat tal-Gvern dwar trattati li ghalihom ma japplikax is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att". Il-*European Convention on Extradition* ma hux trattat li jaqa' taht l-imsemmi subartikolu (1), peress li la hu trattat li jolqot jew ghandu x'jaqsam ma' l-istatus ta' Malta fid-dritt internazzjonali jew it-tizmim jew l-appogg ghal dak l-istatus (paragrafu (a)), la hu trattat li jolqot jew ghandu x'jaqsam mas-sigurta` ta' Malta, is-sovranita`, l-indipendenza, l-unita` jew l-integrita` territorjali taghha (paragrafu (b)), u lanqas huwa trattat li jolqot jew ghandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet ta' Malta ma' organizzazzjoni, agenzija, assocjazzjoni jew korp iehor simili multinazzjonali (paragrafu (c)). Ghalhekk certament is-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 304 ma japplikawx ghall-kaz odjern. Fil-kaz tal-*European Convention on Extradition* il-firma u/jew ratifika mehtiega sabiex Malta tkun marbuta fuq livell internazzjonali hija dik il-firma u/jew ratifika li hija parti mill-prerogattiva ta' l-Ezekuttiv li jinnegozja, jiffirma u jirratifika trattati. Fil-kaz in dizamina, u dejjem riferibbilment ghall-*European Convention on Extradition*, jirrizulta mid-deposizzjonijiet tas-Sur Eric Cachia moghtija fis-16 ta' Lulju 2001 u fl-20 ta' Lulju 2001 li Malta iffirmat u rratifikat din il-Konvenzjoni. Giet ukoll ezibita bhala Dokument "AG 10" mill-istess Eric Cachia kopja ta' l-istrument ta' firma u ratifika tal-Konvenzjoni in kwistjoni taht il-firma tal-allura Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Guido Demarco, bid-data ta' l-14 ta' Marzu 1996. Ghalhekk ukoll ma hemmx dubbju li Malta hi marbuta fuq livell internazzjonali b'din il-konvenzjoni, u li din il-konvenzjoni hi "arrangament" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276.

3. Pero`, kif tajjeb gie osservat mill-abbili difensuri ta' l-appellant, trattat negozjat, iffirmat u ratifikat mill-Ezekuttiv fih-innifsu u wahdu m'ghandux il-forza ta' ligi fil-kamp domestiku. Ma tistax qorti domestika tiehu konjizzjoni direttament ta' trattat internazzjonali; qorti domestika, pero`, tista' tiehu konjizzjoni ta' trattat internazzjonali in forza ta' ligi domestika. Kif jispjega G.V. La Forest, fil-ktieb tieghu ***Extradition To and From Canada*** (Canada Law Book Company, Toronto,1977, pagna 77): *"Under English law, the treaty-making power is the prerogative of the Sovereign, a prerogative now exercised in respect of Canada on the Advice of Her Majesty's Privy Council for Canada. A treaty or convention entered into by*

[1] *"…shall not enter into force with respect to Malta…"* fit test Ingliz.

*the Sovereign is binding as an international obligation without the sanction of Parliament. But though valid according to international law, a treaty does not directly change the internal or domestic law of the nation."* Hekk ukoll Ivor Stanbrook u Clive Stanbrook, fl-ewwel edizzjoni tal-ktieb taghhom ***The Law and Practice of Extradition*** (Barry Rose Publishers Ltd., Chichester & London, 1980, pagna 2): *"A treaty has no binding effect for the purposes of United Kingdom municipal law unless its provisions are applied under the authority of a statute."* F'sens simili ukoll esprimiet ruhha din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet ***The Police v. Dragan Stankovic*** (kopja ta' din is-sentenza tinsab ezibita fl-atti a fol. 33).

4. Dak li, pero`, donnu ma jistax jifhem l-appellant hu li huwa proprju l-Att dwar l-Estradizzjoni li hi l-ligi domestika li tahtha u a bazi taghha il-qrati domestici jistghu jiehdu konjizzjoni ta' trattat ta' estradzzjoni. Kieku ma kienx hemm din il-ligi – jew xi ligi ohra simili – il-qrati ma kienux ikunu f'posizzjoni li jiehdu konjizzjoni ta' trattat ta' estradizzjoni (apparti li ebda estradizzjoni ma kienet tkun tista' ssir peress li kienet tkun nieqsa "l-awtorita` ta' ligi" skond id-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni). Il-legislatur, bil-kliem "b'Att jew taht Att tal-Parlament" fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 304, ma riedx jorbot lilu nnifsu b'xi modalita` partikolari: it-trattat jista' jigi kkunsidrat ghall-finijiet tal-ligi domestika u mill-qrati domestici jew billi jigi direttament inkorporat (kollu jew parti minnu) f'Att permezz ta' ligi principali (bhalma, per ezempju, sar fil-kaz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319, jew l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, Kap. 410), jew billi ssir referenza ghalih permezz ta' legislazzjoni sussidjarja maghmula taht l-awtorita` ta' ligi principali, bhalma huwa l-kaz ta' Ordni tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja li jispecifika pajjiz barrani (jew diversi pajjizi barranin) skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 276. Dan it-tieni metodu, cioe` dak tal-legislazzjoni sussidjarja, kien ukoll il-metodu adoperat taht l-*Extradition Act, 1870* ta' l-Ingilterra (ara l-Artikolu 2 ta' dik il-ligi) u huwa l-metodu li baqa' wkoll jigi segwit taht il-ligi vigenti f'dak il-pajjiz (ara l-Artikolu 4 tal-*Extradition Act, 1989*). Dana l-metodu huwa wkoll perfettament konformi ma' dak li jirrikjedi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 304. Issa, fil-kaz in dizamina, u b'referenza partikolari ghat-Turkija u ghall-"arrangament" ezistenti bejn Malta u t-Turkija, hemm l-Ordni ta' l-1996 dwar l-Estradizzjoni (Pajjizi Barranin Specifikati) (Nru. 2) pubblikat permezz ta' l-Avviz Legali 131 ta' l-1996 (ara Dok. AG 5, fol. 183). Dana l-Ordni fih ukoll "referenza ghall-pubblikazzjoni [tal-pattijiet ta' l-arrangament] fil-Gazzetta [tal-Gvern]", u ghalhekk jissodisfa ir-rekwizit tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 276. Kopja tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (tat-28 ta' Mejju, 1996) tal-pattijiet tal-arrangament ("*terms of the arrangement*") giet ukoll ezibita bhala Dok. AG 7[2], ghalkemm naturalment kemm din il-Qorti kif ukoll il-Qorti Rimandanti setghu jiehdu konjizzjoni gudizzjarja kemm ta' l-Ordni kif ukoll tal-

[2] Din il-kopja, ezibita permezz ta' nota tas-16 ta' Lulju, 2001, kellha xi pagni evidentement neqsin; ghalhekk giet ezibita kopja ohra fl-udjenza tal-20 ta' Lulju, 2001, Dok. AG 11.

pubblikazzjoni (tat-28 ta' Mejju 1996) tat-trattat fil-Gazzetta tal-Gvern. Anqas ma hu argument validu kontra l-applikabilita` tal-*European Convention on Extradition* ghall-kaz in dizamina dak migjub mill-abbili difensuri ta' l-appellant fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, u cioe` li meta gie ppubblikat (fit-28 ta' Mejju, 1996) fil-Gazzetta tal-Gvern it-trattat in kwistjoni ma gewx pubblikati mieghu ir-riservi li ghamlet Malta meta ddepozitat l-istrument ta' ratifika mas-Segretarju Generali tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Dan il-fatt ifisser biss li hi u tapplika l-Ordni l-Qorti ghandha thares biss lejn "il-pattijiet ta' l-arrangament" kif gew publikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Mejju 1996 u lejn xejn aktar. Fi kwalunkwe kaz, u kif lealment ikkoncedew anke l-abbili difensuri tal-appellant fit-trattazzjoni taghhom, ma hemm ebda aggravju f'dana l-appell ibbazat fuq, jew li jiddependi minn, xi riserva li setghet ghamlet Malta meta rratifikat il-Konvenzjoni in kwistjoni.

5. Minn dan kollu jsegwi li kienet korretta l-Qorti Rimandanti meta, bid-digriet taghha tas-26 ta' April 2001, irrespingiet l-eccezzjoni sollevata mill-appellant, u cioe` li dik il-qorti, bhala Qorti Maltija, ma kellhiex gurisdizzjoni biex tikkunsidra talba ghall-estradizzjoni lejn ir-Repubblika tat-Turkija stante li (dejjem skond l-appellant) ma kien jezisti ebda trattat ta' estradizzjoni bejn iz-zewg pajjizi u li kwalunkwe ftehim multi-laterali kien "jehtieg ir-ratifika skond il-Kapitolu 304 tal-Ligijiet ta' Malta" (ara fol. 17 u 18). Trattat ta' estradizzjoni bejn Malta u t-Turkija <u>jezisti</u> fil-forma tal-Konvenzjoni msemmija; u Qorti Rimandanti (kif ukoll din il-Qorti) li tkun qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 276 tista' (anzi ghandha) tiehu konjizzjoni ta' dak it-trattat in forza ta' l-Ordni ppubblikat bl-Avviz Legali 131 ta' l-1996 kif aktar 'l fuq spjegat. Konsegwentement ukoll ma tqum ebda kwistjoni ta' arrest illegali kif qed jallega l-appellant bil-paragrafu fir-rikors ta' appell tieghu intestat "Kwestjoni ta' arrest illegali". **Ghalhekk dawn l-ewwel tlett aggravji qed jigu respinti, u d-digriet preliminari tas-26 ta' April 2001, in kwantu cahad l-eccezzjoni msemmija, qed jigi konfermat**.

6. Ir-**raba' aggravju** ta' l-appellant jghid testwalment hekk: "L-Artikolu 29(1) tal-istess Konvenzjoni Ewropeja dwar l-Estradizzjoni tghid esplicitament li hemm bzonn ir-ratifika. Din ma jirrisultax li saret b'xi att tal-Parlament, u l-anqas b'xi risoluzzjoni tal-Parlament. Jekk tonqos ir-ratifika skond il-ligi Maltija u cioe` skond il-Kap. 304, allura l-gvern Malti ma jistax jghid li rratifika l-Konvenzjoni. Ix-xandir tal-Konvenzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern mhux sostitut tar-ratifika". Dana l-aggravju hu infondat, u dan ghar-ragunijiet li diga gew spjegati aktar 'l fuq f'din is-sentenza in konnessjoni ma' l-ewwel tlett aggravji. Ir-ratifika b'Att tal-Parlament jew b'Rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati hi mehtiega biss fil-kaz ta' trattati li jaqghu taht il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 304, u l-*European Convention on Extradition* ma taqa' taht ebda wiehed minn dawn il-paragrafi. Ir-ratifika msemmija fl-Artikolu 29(1) tal-Konvenzjoni hija dik li ssir mill-Ezekuttiv flimkien ma', jew wara, l-iffirmar tat-trattat. Kif diga

nghad, Malta ffirmat u rratifikat it-trattat in kwistjoni, cioe` l-*European Convention on Extradition*, fl-14 ta' Marzu 1996 (Dok. AG 10). Din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex ghalfejn tghid aktar dwar dana l-aggravju. **Dana l-aggravju qed jigi respint**.

7. Il-**hames aggravju** (taht l-intestatura "Dwar l-evidenza") hu, bazikament, fis-sens li l-Qorti Rimandanti ma setghetx tisma' u tiehu konjizzjoni ta' provi migjuba mill-Pulizija ta' Malta, izda kellha toqghod biss fuq dawk il-provi mibghuta mit-Turkija. In fatti l-appellant jghid, *inter alia*, hekk: "Illi ghalhekk il-prova rikjesta biex tigi stabbilita l-prima facie fil-Qorti rimandanti ghandhom jintbaghtu mill-pajjiz rikjedenti u mhux mill-pajjiz rikjest…Il-Qorti Rimandanti ghandha tistrih fuq il-provi mibghuta mill-pajjiz rikjedenti u ma huwiex il-kompitu tal-pajjiz rikjest li jforni provi hu wkoll." Dana l-aggravju hu infondat. Skond l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 276, il-Qorti Rimandanti ghandha l-istess <u>setghat</u> "safejn jista' jkun"[3] bhal Qorti Istruttorja. Issa, wahda mis-setghat li ghandha Qorti Istruttorja hija li tisma' xhieda *viva voce* (Artikoli 391 u 646(1) tal-Kodici Kriminali). Huwa veru li fi proceduri ta' estradizzjoni spiss jigri li l-provi in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni jkunu jikkonsistu fil-maggor parti, jekk hux addirittura kollha, f'deposizzjonijiet guramentati mehuda skond il-ligi tal-pajjiz rikjedenti, liema deposizzjonijiet il-Qorti Rimandanti jkollha semplicement taqrahom – u fil-fatt il-Kap. 276 ghandu disposizzjonijiet specifici proprju dwar il-provi. Pero` dan ma jfissirx li l-Qorti Rimandanti hija prekluza milli tisma' xhieda *viva voce* bhala parti mill-"provi kollha migjuba biex isostnu t-talba ghat-treggigh lura" (Art. 15(3), Kap. 276). F'materja ta' estradizzjoni l-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Qorti Rimandanti u l-Avukat Generali quddiem din il-Qorti jagixxu a nom tal-pajjiz rikjedenti. Isegwi ghalhekk li jekk il-Pulizija Maltija jkollha f'idejha provi in sostenn tat-talba ghat-treggigh lura, dawn jistghu jingiebu quddem il-Qorti Rimandanti, u dan apparti l-prova li tkun giet sottomessa mill-pajjiz rikjedenti ghall-fini ta' l-Awtorita` ghal Procediment u ghall-fini tal-hrug tal-mandat ta' arrest taht l-Artikolu 14 tal-Kap. 276 (ara l-Artikoli 13(2)(iii) u 14(2), Kap. 276). Fil-kaz in dizamina, prova importanti, jekk mhux addirittura determinanti, in sostenn tat-talba ghat-treggigh lura hi dak li l-appellant allegatament qal lill-Pulizija Maltija meta gie arrestat f'Mejju ta' l-1998 u l-istqarrija minnu rilaxxjata fit-12 ta' Mejju 1998 (Dok. JR 1, fol. 52). Dana l-interrogatorju mill-Pulizija Maltija kif ukoll il-fatt li hu kien ammetta li laqghat lil Fernades b'gebla f'rasu waqt li ggieldu bejniethom jissemma kemm fit-talba ghall-estradizzjoni maghmula permezz tan-*note-verbale* tat-13 ta' Lulju 1998, kif ukoll fit-talba maghmula permezz tan-*note-verbale* tas-26 ta' April 2001. Fid-dokumentazzjoni annessa ma' din it-tieni *note-verbale* hemm anke kopja (bit-Tork) tal-istqarrija tat-12 ta' Mejju 1998 u kopja bl-Ingliz li tidher li hi traduzzjoni tal-versjoni Torka. Hu evidenti li l-<u>ahjar</u> prova tal-istqarrija in kwistjoni hi l-<u>original</u> li kienet tinsab f'idejn il-Pulizija Maltija u li ghalhekk giet ezibita quddiem il-Qorti Rimandanti mill-Assistent Kummissarju John Rizzo; filwaqt li l-<u>ahjar</u> prova tal-volontarjeta` ta' dik l-istqarrija kif ukoll l-<u>ahjar</u>

[3] Fit-test Ingliz, *"as nearly as may be"*.

prova ta' dak kollu li l-appellant qal lill-pulizija (anke jekk mhux riprodott fl-istqarrija) huma d-deposizzjonijiet tal-imsemmi Assistent Kummissarju, tas-Supretendent Bartolomeo Mula u tal-Ispetturi Noel Cutajar u Mario Spiteri. Dawn kollha xehedu *viva voce* quddiem il-Qorti Rimandanti. Dan il-fatt, u cioe` li dawn ix-xhieda jixhdu *viva voce* quddiem il-Qorti Rimandanti u li ppresentaw dokumenti quddiem dik il-qorti in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni, b'ebda mod ma jmur kontra xi disposizzjoni tal-Kap. 276 jew tat-trattat ta' estradizzjoni applikabbli f'dan il-kaz, anzi hu perfettament konformi kemm mal-ligi domestika kif ukoll ma' l-imsemmi trattat. A bazi ta' din l-istqarrija u ta' dawn id-deposizzjonijiet, kif ukoll a bazi ta' dak li jirrisulta mid-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet tat-Turkija – senjatament ir-risultati ta' l-ezami nekroskopiku fuq il-kadvaru ta' Fernandes kif konfermati bil-gurament mit-tobba Sari, Yanik u Boran, u d-deposizzjoni tax-xhud Eyyup Zorgul[4] – il-Qorti Rimandanti kellha quddiemha provi bizzejjed ghall-fini tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 15 ta' Kap. 276. Din il-Qorti tikkonkludi fuq dana l-aggravju billi tosserva li anke skond il-ligi Ingliza vigenti ma hemmx xejn milli jzomm xhieda milli jixhdu *viva voce* quddiem il-Qorti Rimandanti ("*Court of Committal*") in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni, u cioe` apparti mid-dokumentazzjoni mibghuta mill-pajjiz rikjedenti. In fatti Stanbrook u Stanbrook, fit-<u>tieni</u> edizzjoni tal-ktieb taghhom (li issa jgib l-isem ***Extradition: Law and Practice***, OUP, 2000, paragrafi 8.188 u 8.189) jghidu hekk: *"A court of committal, for the purposes of extradition proceedings (whether made under 1870-style treaties or modern arrangements under the 1989 Act) has the same powers 'as nearly as may be' as if the proceedings were the summary trial of an information against the arrested person. Most of the rules governing the admissibilty of evidence in criminal proceedings including the statutory provisions like those of the Police and Criminal Evidence Act 1984 and the Criminal Justice Act 1988 apply also to extradition proceedings but they are subject to the provisions of the Extradition Act 1989 and to the variations which take account of the special nature of the extradition process. For the purposes of extradition proceedings, evidence received from the requesting country's courts is generally admissible if given on oath or by affirmation in the form of statements, depositions or affidavits, duly authenticated, <u>or direct to the court of committal (f.n. 325 The Court may receive evidence from live witnesses whose testimony can be recorded as depostions made under the Magistrates' Courts Act 1981 (</u>*<u>R. v. Governor of Pentonville Prison, ex parte Herbage (No. 3)</u> *<u>(1987) 84 Cr. App. R. 149))</u>. Evidence may also be given <u>in the United Kingdom</u> by way of written witness statements tendered under the provisions of the Magistrates' Courts Act 1980, section 102 (f.n. 326 In this case it seems to follow that, after due notice, the witness may be required to attend to give oral evidence at the hearing and can be cross-examined upon it)"* (sottolinear ta' din il-Qorti). **Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint**.

[4] Fil-fatt hemm zewg deposizzjonijiet ta' dan x-xhud: dik moghtija fis-17 ta' Mejju, 1998 u dik tal-11 ta' Settembru, 1998.

8. Is-**sitt u seba' aggravji** jistghu konvenjentement jigu ttrattati flimkien. Permezz tas-sitt aggravju (taht l-intestatura "Dwar identifikazzjoni") l-appellant jikkontendi li mid-dokumentazzjoni mibghuta minn barra l-identifikazzjoni tieghu ma tirrisultax sodisfacentement pruvata. Is-seba' aggravju jghid hekk: "Dwar il-provi mit-Turkija, jidher car li dawn *(sic!)* ma kien hemm l-ebda xhieda kif tehtieg il-ligi tal-estradizzjoni Maltija, imma biss ipotesi akkuzatorja. Ma hemm xejn mill-provi prodotti minn barra li jorbot lill-esponenti ma' xi reat, u dan fuq bazi semplici ta' prima facie". L-appellant, pero`, m'ghandux ragun u dawn iz-zewg aggravji ser jigu respinti. Kif diga gie osservat fil-paragrafu numru 7 ta' din is-sentenza, a bazi tal-istqarrija ta' l-appellant maghmula lill-Pulizija Maltija, tad-deposizzjonijiet tal-ufficjali tal-Pulizija Maltija, tar-rapport tal-ezami nekroskopiku u tad-deposizzjonijiet ta' Eyyup Zorgul, il-Qorti Rimandanti kellha altru milli provi sufficjenti sabiex tibghat lill-appellant biex joqghod taht att ta' akkuza kieku dan kien qed jigi akkuzat hawn Malta bir-reat ta' omicidju volontarju. **Ghalhekk is-seba' aggravju qed jigi respint**. Kwantu ghall-identifikazzjoni ta' l-appellant (Artikolu 13(2)(i), Kap. 276), kemm mill-informazzjoni moghtija fiz-zewg talbiet ghall-estradizzjoni, mill-fotokopji tar-ritratti annessi mad-dokumentazzjoni mibghuta, mid-deposizzjonijiet ta' Eyyup Zorgul, mid-dokument ta' l-Interpol a fol. 8, kif ukoll mill-istess stqarrija ta' l-appellant tat-12 ta' Mejju 1998 ma jistax ikun hemm l-icken dubbju dwar l-identita` tal-persuna li l-estradizzjoni taghha qed tigi mitluba mill-awtoritajiet Torok, u li din il-persuna hi l-appellant. **Ghalhekk is-sitt aggravju qed jigi wkoll respint**.

9. L-ahhar aggravju – **it-tmien wiehed** – ta' l-appellant jinsab taht l-intestatura "Dwar Piena tal-Mewt". L-aggravju qed jigi hawnhekk riprodott testwalment: "Il-ligi taghna taghmilha cara li ma taccettax li jkun hemm estradizzjoni f'pajjiz fejn hemm il-piena tal-mewt. Mill-atti prodotti hemm indikazzjoni li l-piena tal-mewt fit-Turkija hija **sospiza**. Imma dan ma jfissirx li mhix ezegwibbli jekk is-sospensjoni titnehha". Qabel xejn ghandu jigi precisat x'ghidu ezatt kemm il-*European Convention on Extradition* kif ukoll il-Kap. 276.

10. Il-ligi taghna ma tipprojbix l-estradizzjoni f'kaz simili, kif qed jallega l-appellant. L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni jipprovdi li f'kaz simili l-estradizzjoni tista' (mhux ghandha) tigi rifjutata "*…unless the requesting Party gives such assurances to the requested Party considered sufficient that the death-penalty will not be carried out*". Il-kwistjoni ta' assikurazzjonijiet f'dan is-sens hi, fil-fehma tal-Qorti, materja strettament politika imhollija f'idejn il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u mhux, bhal per ezempju il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, materja eminentement legali u determinanti ghall-process kriminali u ghall-istess azzjoni penali li ghandha tigi deciza mill-Qorti[5]. Din il-Qorti hi konfortata f'din il-fehma anke minn dak li jipprovdi l-Artikolu 11(2)(b) tal-Kap. 276, u cioe` li l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jista' (mhux ghandu) jirrifjuta li johrog l-

[5] Ara ***Anthony Satariano v. L-Avukat Generali et.*** Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Novembru, 1997.

Awtorita` ghal Procediment "meta skond il-ligi tal-pajjiz li jaghmel it-talba r-reat li dwaru jkun qed jintalab it-treggigh lura jkun suggett ghall-piena tal-mewt u l-pajjiz li jaghmel it-talba ma jkunx ta assigurazzjoni accettata bhala bizzejjed mill-Ministru li l-piena tal-mewt ma tinghatax jew, jekk tinghata, li ma tigix ezegwita" (sottlinear ta' din il-Qorti). Skond il-Kap. 276, il-Ministru jista' wkoll jikkunsidra (jew jikkunsidra mill-gdid) il-kwistjoni ta' assigurazzjonijiet sufficjenti f'dan is-sens meta jigi biex jaghmel l-Ordni ghat-Treggigh Lura (Artikolu 21(1), Kap. 276)[6]. Kienet ghalhekk korretta l-Qorti Rimandanti meta rrespingiet is-sottomissjoni tal-appellant li kienet sostanzjalment l-istess bhat-tmien aggravju. **Ghall-motivi premess dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint**.

11. Fl-ahhar nett il-Qorti rat l-Artikolu 20 tal-Kap. 276, u ma tara ebda raguni ghala l-appellant ghandu jigi mehlus mill-kustodja minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) tal-imsemmi artikolu.

**Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u konsegwentement tikkonferma d-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti li tibghat lill-appellant taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn it-Turkija fuq l-akkuza tar-reat indikat fl-Awtorita` ghal Procediment tad-19 ta' April 2001**. U wara li rat l-Artikoli 16, 18 u 21 tal-Kap. 276 tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata mill-lum sabiex l-appellant Mohammed Adbel Monem Abbas Aly jkun jista', jekk jidhirlu li xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 276 giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija, giet jew x'aktarx ser tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifika r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja, jipprocedi ghal rimedju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni; u fl-istess hin qed tgharraf lill-appellant b'dana d-dritt li huwa ghandu li jipprocedi skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tinfurmah li skond l-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 276 hu mhux ser jitregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mill-lum.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih mibghuta mir-Registratur lill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja.

(ft) Paul Miruzzi
Dep. Registratur

---

[6] Din hi sostanzjalment ukoll il-posizzjoni taht il-ligi vigenti Ingliza, u cioe` li meta tista' tkun involuta l-piena tal-mewt tidhol id-diskrezzjoni tas-*Secretary of State* jekk jaghmilx jew le l-ordni ghat-treggigh lura; ara f'dan is-sens Stanbrook & Stambrook ***Extradition: Law and Practice*** OUP, 2000, para. 7.57 sa 7.65.